# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Ġunju 2021**

**Talba Nru: 183/20 JG**
**Numru fuq il-lista: 3**

**Techstore Limited (C-36044)**

**Vs**

**Robert Scerri (K.I. 157481(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 t'Awwissu 2020[1], permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' elf, tminn mija u sitt Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu tal-Ewro (€1,806.95) rappreżentanti biegħ u kunsinna t'apparat teknoloġiku mhux imħallsa. Intalbu

[1] A fol 1 *et seq.*

wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, dawk ta' ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-imgħaxijiet.

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[2];

Ra lill-konvenut debitament notifikat[3], naqas li jattendi għas-seduta tas-16 ta' Novembru 2020, iżda kien debitament rappreżentat minn avukat li talab żmien sabiex tiġi ppreżentata risposta formali;

Ra li għalkemm kien hekk awtorizzat, il-konvenut naqas milli jippreżenta din ir-risposta[4];

Sema x-xhieda ta' Simon Vassallo[5];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, għalkemm deher avukat għal-konvenut f'dawn il-proċeduri, l-istess konvenut naqas milli jippreżenta risposta formali sabiex jilqá u juri difiża għat-Talba odjerna.

Illi s-soċjetá attriċi mbagħad għażlet li ma tippreżentax kapitolu fil-konfront tal-konvenut iżda li ttella rappreżentant tas-soċjeta attriċi. Dan ta' l-aħħar kien ċar

[2] A fol 17.
[3] *A tergo* ta' fol 16.
[4] Seduta tal-20 ta' Mejju 2021.
[5] *Ibid nru. 4.*

fix-xhieda tiegħu u ta spjega tat-Talba odjerna kif ukoll ikkonferma d-dokumenti annessi mal-Avviż promotur.

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentant tas-soċjetá attriċi m'għandux jitwemmen, u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati[6] u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba.

Illi finalment ukoll it-Tribunal huwa sodisfatt li f'dan il-każ huwa applikabbli d-dispost tal-artikolu 1141(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qiegħed jingħad kemm minħabba n-natura tal-fatturi (l-ammont ta' merkanzija u kif ukoll l-isem tal-klijent), kif ukoll il-kwalitá li biħ ġie mħarrek il-konvenut f'dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jikkundanna l-konvenut iħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' elf, tminn mija u sitt Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu tal-Ewro (€1,806.95), bl-imgħax legali mid-data ta' kull fattura individwali, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 475/2020[7], jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[6] Id-diversi fatturi jikkombaċaw ma dak mitlub.
[7] Debitament ippreżentata u tinsab a fol 11 *et seq.*